GĦAXAQ

Minuti tal-laqgħa Nru. 8 tal-Kunsill Lokali Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn 26 ta' Ottubru 2009, fil-5.30 pm.

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe M. Abdilla |
| Il-Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius<br>Is-Sur Angelo Attard<br>Is-Sur Alan Picco |
| Uffiċċjali | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Materji Finanzjarji: - a) Petty Cash

   b) Skeda ta' Hlas Ottubru 2009;
5. Rapport dwar l-Efficjenza tal-Kunsilli Lokali;
6. Sports;
7. Progett tankijiet taz-Zejt;
8. Miss Malta Pageant;
9. Attivitajiet tal-Milied;
10. Suggerimenti mill-Kunsilliera.

**1. Minuti**

Il-Minuti tas-Seduta precedenti Nru 7 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki huwa ppropona li jkunu adottati. Issekonda l-Kunsillier Attard.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**2. Tagħrif mill-Minuti**

1. Dwar l-applikazzjonijiet ghal part-time clerk, il-Kunsill ircieva 19 il-applikazzjoni ghaldaqstant gie deciz li jinhatar bord biex jaghmel l-intervisti. Il-bord li nhatar biex isiru l-intervisti lill-applikanti hu mghamul mis-Sindku, Vic-Sindku, l-Kunsillieri Rose Agius u Alan Picco u s-Segretarju. Gie deciz li l-intervisti jsiru nhar it-Tnejn 2 ta' Novembru 2009. Il-Kunsill qabel.

2. Saret laqgha mas-Sinjorina Sarah De Cesare dwar id-*Dogs Trust Campaign.* Din qeda tistieden lill-Kunsill biex jorganizza gurnata li fiha jsiru attivitajiet fejn jiehdu sehem il-klieb, qalet li nistghu nikkuntattjaw lil pulizija biex dawn jigu jghamlu wirjiet bil-klieb. Jista jsir tberik ta' l-animali jew attivitajiet ohra relatati ma' l-annimali. Persuni minn din l-ghaqda tad-Dogs Trust ikunu qed jedukaw lin-nies dwar il-klieb taghhom kif ukoll iqassmulhom voucher biex isewwu l-klieb u jiccipjawhom b'xejn filwaqt ukoll li ssirilhom vista minn vet. Il-Kunsill qabel li ssir attivita nhar it-8 ta' Dicembru 2009 u din l-attivita ssir fuq Santu Rokku.

**3.1 Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:-**

1. Mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali rċevejna Memo 64/2009 fuq Mistoqsijijet Parlamentari Numri 11398 u 11479 dawn ġew imwieġba. Memo 65/2009 dwar Att Nru. XVI tal-2009 Avviż ta' Bidu fis-Seħħ. Irċevejna Memo 66/2009 fuq Mistoqsijiet Parlamentari Nru. 11646 u 11650 dwar jekk sarux proġetti kbar mill-Gvern Ċentrali bi sħab mal-Kunsilli Lokali u Memo 67/2009 fuq Mistoqsijia Parlamentrai Nru. 11643 li tittrata dwar Kemm servew Sindki u Viċi-Sindku mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali. Memo68/2009 dwar il-Ħinijiet tal-Laqgħat tal-Kunsill, Memo 69/2009 dwar Ufficini Reġionali. Wahda mill-miżuri mdahhla fl'Att dwar Kunsilli Lokali hi li jitwaqqfu 5 Regjuni u hemm il-htiega li kull Regjun ikollu ufficcju w ghalhekk qeghdin jintalbu biex jigu indikati dawk il-Kunsilli li jistghu joffru ufficcju ghal dan il-ghan.

Mid-Direttur dwar it-tender tal-ġbir ta' l-iskart biex ħadd ma jieħu inizjattivi ndividwali f'dan ir-rigward. Mingħand Silvio Frendo rigward aġġustament li jrid isir fl-*ispecific conditions* tal-kuntratt ta' l-iskart u e-mail oħra dwar informazzjoni fuq

stabbilimenti kummerċjali li joperaw fil-lokal u din ġiet imwieġba. E-mail mid-Direttur sabiex jinfurmaw li huwa llegali li ndividwi, organizzazzjoni (inkluż il-Kunsill Lokali), li jitwaħħlu posters ta’ attivitajiet ma’ arbli tad-dawl, ħitan u sinjali

oħra tat-trasport. Mid-Dipartiment fejn bagħatulna lista ta’ l-*URBACT Financial Controllers*, sabiex isiru *first level control checks* fuq proġetti li ġew approvati ko-finanzjati mill-programm URBACT II.

2. E-mail mill-President ta’ l-Assoċjazzjoni dwar ‘Ġimgħa Ewropea ta’ Demokrazija Lokali’, anness il-programm.

3. Mill-Bord ta’ Evalwazzjoni dwar l-Iskema Aċċessibilta’ Aħjar fil-Lokalitajiet fejn il-Kunsill ser jibbenifika mis-somma ta’ € 8,780.32, fejn attwalment ġie pprezentat ċekk b’nofs is-somma jiġifieri ta’ € 4,390.00. Il-kumplament tal-flus jigu pprezentati meta l-progett ikun sar.

4. Mingħand il-Membru Parlamentari Dr. S. Buontempo fejn talab x’informazzjoni dwar Binji u Siti Storiċi fil-Lokal.

5. Mill-A.D.T. bagħatu rapport rigward talba ta’ *reserved parking* li għamel is-Sur Caruana ta’ 101, Triq il-Gudja. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni dwar din ir-reserved parking.

6. Mill-M.E.P.A. Applikazzjonijiet ta’ Żvilupp Nru. 4147/09 sabiex jinbnew garaxxijiet għal użu industrijali fi Triq il-Belt Valletta u Sqaq il-Vova, il-Kunsill talab li tinkiteb ittra lill-MEPA biex toggezzjona ghal din l-applikazzjoni kemm il-darba flinkien mal-garaxxijiet tinbena ukoll ready mix plant.; u Nru. 4245/09 sabiex isiru alterazzjonijiet fil-garaxx prezenti fi Triq in-Niġem k/m Triq il-Ħobbejża. Applikazzjoni oħra Nru. 4326/09 sabiex titwaqqaf *billboard* tar-reklami f’Tal-Barrani.

7. Stedina mill-Kunsill Lokali taż-Żejtun għal Ftuħ ta’ Wirja tal-Filatelija Annwali, 2009, li saret fit-23 ta’ Ottubru, 2009.

8. Ircevejna petizzjoni mingħand ir-residenti u sidien tal-ħwienet f’Dawret Ħal Għaxaq, rigward il-parking-bays biex dawn jergghu isiru bil-karozzi iharsu l-barra. Dwar dan is-Segretarju qalet li hi kelmet is-Sindku u sar ftehim li dawn jergghu jitrangaw kif kienu qabel minhabba li kien kine hemm periklu. F’din is-service road partikulari hemm hafna hwienet u kien ta’ periklu ghal nies li jigu bi trakkijiet u jhottu l-affarijiet ghax ikunu jridu joqghodu gol-main road. Dawn it-trakkijiet kien qeghdin jolqtu karozzi pparkjati hdejnhom meta jigu biex johorgu mis-service road ghax din dejqa.

9. Stedina mill-Isptar Monte Carmeli għal *study talk* dwar *‘Challenging Depression’*, fit-12 ta’ Novembru, 2009.

10. Ittra minghand is-Sur Piju Spiteri sabiex jissemmew zewg toroq ghal zewg persuni li indika hu stess fl-ittra tieghu. Is-Sur Abdilla qal li l-Kunsill ghandu lista ta' nies biex toroq jisssemmew ghalihom ghaldaqstant it-talba tas-Sur Spiteri ma tistax tigi milqugha.

11. Ircevejna l-program tal-Laqgha tas-Sindki u Vici-Sindki.

12. Il-Kumitat tas-Tismija tat-Toroq informa l-Kunsill li hemm Triq bla isem li hi Triq il-Gdida fi Triq Carmelo Rosario Dimech.

13. Mill-Ufficcju tal-Prim Ministru infurmawna li ser issir Konferenza dwar Lokalitajiet Sostenibbli nhar it-Tnejn 2 ta' Novembru 2009 li ghaliha ser jattendi is-Sindku.

14. Ircevejna kwotazzjoni wahda biex isir il-gbir tas-sigar. Din kienet minghand is-Sur Vincent Caruana ta' €435.00. Il-Kunsill qabel li jilqa din l-offerta u tizdied maghhom li spejjez biex tinqala il-palma li mietet.

**<u>Korrispondenza li ntbagħatet mill-Kunsill :- (Both mail & e-mail)</u>:-**

a. Intbagħatet e-mail lis-Sur David Soler rigward il-ħlasijiet li l-Kunsill għad fadalu x'jieħu peress li ser jiġi ffurmat Kumitat Konġunt ġdid, fejn wieġeb li din il-materja ser tiġi diskussa fil-laqgħat li ġejjien.

b. Ittra lil-*Faces* biex jitressaq ftit l-isfel il-*Bus Shelter* li hemm f'Dawret Hal Ghaxaq hdejn il-ground. Dawn wiegbu li jixtiequ site plan u ritratti.

c. Email lill-GAL Xlokk dwar il-progetti li jixtieq iwettaq il-Kunsill.

## 4. <u>Materji Finanzjarji</u>

*4.1.1* *Petty Cash*: Is-Segretarju elenka infieq li sar mill-flus fl-idejn matul Ottubru u li kienu jammontaw għal €18.97. Il-Viċi Sindku qara l-lista tan-nefqiet li saru u ressaq l-istess lista għal kummenti u l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill.
Il-Kunsill qabel, wara li l-proposta kienet sekondata mill-Kunsillier Agius.

*4.1.2* *Skeda ta' Ħlas – Otturu 2009*: Is-Segretarju poġġa fuq il-Mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Ottubru 2009 u li jammontaw għal €41,335.00. Is-Sur Abdilla qara lista tal-pagamenti u wara ressaq l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-ħlas u ġie sekondat mis-Sur Attard. Il-Kunsill qabel unanimament.

## *5.* Rapport dwar L-Efficjenza tal-Kunsilli Lokali

Dwar ir-Rapport ta' l-Efficjenza is-Sur Abdilla qal li hu mhux kuntent bir-rapport u hemm hafna x'jitranga. Qal li hemm bzonn navvicinaw il-kuntratturi b'dan ir-rapport. Is-Segretarju qalet li hi kitbet kemm lil-Cleansing Services, lil kuntratur ta' li skips kif ukoll kelmet kemm il-darba lill-kuntrattur tal-latrina ghax gieli marret u sabet il-hmieg. Tal-Cleansing Services qatt ma rrispondew izda ta' li skips dejjem irrisponda. Is-Sur Abdilla zied jghid li dan ir-Rapport jitfa stampa hazina fuq il-Kunsill.

Is-Sur Abdilla staqsa lis-Segretarju jekk hux qed isir monitoring tal-haddiema tal-IPSL. Is-Segretarju qalet li hi gieli marret fuq il-post fejn ikunu qed jahdmu u ghada tmur ghalkemm kien sar ftehim li dawn se jiehu hsiebhom is-Sindku minhabba li kienet inqalet kustjoni.. Is-Sur Abdilla ried lis-Segretarju tghid x'kienet il-kwistjoni u hi qalet li meta kien timmoniterja il-haddiema tal-IPSL darba filghodu fit-8.30am sabet kennies li suppost kellu jkun ghax-xoghol fl'ghalqa tieghu. Meta s-Segretarja qalet lis-Sindku dan qal lil-Kunsillier Attard li huwa wkoll l-imghallem tal-kenniesa u nqala l-inkwiet fejn il-Kunsillier Attard fil-prezenza tas-Sindku beda jitkellem hazin u jghid lis-Segretarju biex ma toqghodx tqis il-passi tal-haddiema tieghu u dawn thallihom bil-kwiet. Dak in-nhar ukoll is-Sindku qal lis-Segretarju biex il-haddiema thallihom f'idejh u jekk ma tridx tahdem hekk titlaq. Ghalhekk sar ftehim li l-haddiema jiehu hsiebhom is-Sindku u anke jimla l-job sheet taghhom u jiffirma u jiehu ir-responsabilita hu.

Is-Sindku qal li dan sar minhabba li s-Segretarju kienet trid izzomm il-Haddiema sal-hin tax-xoghol u dawn ma jkunux iridu joqghodu ghalhekk is-Sindku jghati l-haddiema bicca xoghol u x'hin ilestu jitilqu. Is-Sur Abdilla qal li m'ghandu xejn kontra li l-haddiema ma joqghodux sal-hin izda ix-xoghol li jinghtaw irid isir. Is-Sindku qal li x-xoghol li taghhom dejjem ghamluh. Is-Sur Abdilla staqsa ukoll jekk dawn il-haddiema jirrapurtawx il-Kunsill qabel jitilqu, is-Segretarju qalet li dawn ma jirrapurtawx izda s-Sindku jkun jaf fejn qeghdin. Is-Segretarju qalet li meta ippruvat izzomm il-haddiema sal-hin, dawn bdew jghajjtu u jgergru u qalu li huma jew jiehdu ix-xoghol minghand is-Segretarju tigi filghodu fis-7.30am jew minghand is-Sindku izda mhux minghand it-tnejn. Dak in-nhar is-Sindku qal lis-Segretarju biex il-haddiema thallihom u jiehu hsiebhom hu.

Is-Sinjura Agius qalet li jekk ikun hemm rapport li jkun hawn il-hmieg, id-Dipartiment lest li jibghat in-nies tieghu inaddfu u l-Kunsill ikun irid ihallas ghax-xoghol.

Is-Sur Picco qal li jipproponi li jsir pjan biex ix-xoghol isir ahjar u l-Kunsill igib izjed punti. Qal ukoll li ma jfax x'hini din il-mentalita li l-hadddiema ma joqgodux sal-hin izda fl-10.00am jitilqu ghalhiex ma jghamlux il-hin taghhom. Hu qal li ma jaqbilx li dawn il-haddiema ma joqghodux sal-hin. Kompla jghid li jehtieg il-Kunsill jara xi problemi hemm fir-Rapport u nimxu fuqhom biex ir-Rapport li gej ikun ahjar.

Is-Sinjura Agius qalet li l-ahjar issir laqgha ma dawn il-haddiema kollha biex ikunu jafu bil-konsegwenzi w l-kuntratturi. Staqsiet ukoll dawn il-haddiema isirulhomx inspections mid-Dipartiment tal-IPSL. Is-Segretarju qalet li kemm ilha hi qatt ma saret *inspection*.

Is-Sur Abdilla qal li l-prezenza tal-kennies trid tinhass ghax nofs il-battibekki huma li l-kennies ma jidhirx.

Is-Sindku gie mistoqsi mill-Kunsilliera biex jghid dawn il-haddiema x'jghamlu. Hu wiegeb li dawn jippaccjaw it-toroq, jaqtghu haxix u jigbruh.

## 6. Sports

Is-Sindku flimkien mas-Segretarju bil-prezenza ukoll tal-Kunsillieri Attard u Agius ghamel laqgha mal-Magistrat Mizzi kif ukoll ma' l-Ghaqdiet Muzikali tar-rahal dwar il-hsieb li jinghaqad team tal-*basketball* ghat-tfal sa hdax il-sena u izghar. Filwaqt li sar ftehim li kulhadd se jghamel l-almu tieghu biex isir dan it-teams, is-Sindku qal li se jkellem is-Surmast ta' l-Iskola Primarja sabiex dawn it-tfal jinghataw lezzjonijiet ta' dawn li sports wara l-hin ta' li skola. Qal ukoll li se jistaqsi lis-Surmast jekk ikunx jista jsir uzu mil-bitha ta' l-iskola biex dawn it-tfal jilghabu fiha. Is-Sindku qal li s-Surmast staqsieh u ser jirranga biex il-Magistrat imur jara l-bitha ta' li skola tkunx tajba biex it-tfal jilghabu fiha. Il-bitha nstabet sufficjenti.

## 7. Progett tankijiet taz-Zejt

Is-Sindku qal li l-Perit ta' Falzon Group gab pjanta gdida lis-Segretarju li turi li it-tankijiet flok 4 se jun hemm 6 u dawn se jigu mirdumin taht l-art. Is-Sinjura Agius staqsiet jekk il-periklu hux se jkun l-istess, is-Sindku qal li l-ahjar inqabbdu espert fuq dan ix-xoghol biex jghamel impact assessment u l-kumpanija Falzon thallas biex dan isir.

Is-Sur Picco staqsa jekk ikunx hemm periklu, 8irwejjah jew ostaklu biex jittella in-nar tal-festi.

Is-Sur Vassallo qal li ikun ahjar jekk issir laqgha ma' l-avukat u il-perit tal-Kunsill flimkien mas-Sur Alan Deidun u is-Sur Steve Borg li dawn ta' l-ahhar kitbu artikli dwar dan il-progett u jinhatar kumitat. Il-Kunsill qabel.

## 8. Miss Malta Pageant

Is-Sindku qal li l-Kunsill ircieva ittra mil-organizzaturi tal-Miss Malta Pageant sabiex hu jipprezenta rigal lil residenta Ghaxqija li se tiehu sehem f'dan il-konkors. Dan ir-rigal jiswa €25 u se jigi pprezentat fit-3 ta' Novembru 2009, f'serata li ser issir Villa Arrigo, in-Naxxar. Il-Kunsill qabel li dan ir-rigal jinghata.


Kunsill Lokali – Ghaxaq – Local Council
15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

**9. Attivitajiet tal-Milied**

Is-Sindku qal li jehtieg isiru id-dati meta ser isiru l-attivitajiet tal-Milied. Il-Kunsill qabel li l-attivita b'risq il-Community Chest Fund issir nhar 24 ta' Novembru 2009, din tkun Coffee Morning u nippruvaw insibu sponsors sabiex il-flus li jingabru jigu moghtija lill-President ta' Malta. Il-President, Dr. George Abela lest ukoll li jattendi din l-attivita jekk ikun possibbli ghalih.

Gie miftiehem li l-party tat-tfal isir fid-19 ta' Dicembru, 2009, l-ikla ghal-anzjani fis-27 ta' Dicembru 2009 u r-riceviment ghal-Ghaqdiet isir fit-2 ta' Jannar 2010.

10. **Suġġerimenti mill-Kunsillieri**.

1. Il-Vici-Sindku staqsa lis-Segretarju kif il-Gimgha ta' qabel gie kwazi kuljum wara nofs-in-nhar u ma sabiex fl-ufficcju. Hi wegbitu li, gurnata minnhom hi kella tkun prezenti ghal laqgha li saret filghaxija flimkien mas-Sindku, u l-Kunsillieri Agius, Picco u Attard u l-Magistrat Mizzi, dwar it-team tal-Basketball biex il-Kunsill ikun jistgha japplika ghal fondi ta' li sports u li ghal din il-laqgha, hu, is-Sur Abdilla gie 5 minuti u telaq ghalhekk is-Segretarju marret ftit kmieni id-dar u regghet irritornat l-ufficcju. Darba ohra marret il-Gudja fejn saret prezentazzjoni mil-Onor Chris Said fejn gew introdotti bring-in-sites godda, u hemmhekk is-Segretarju kelmet lill-kumpajina Greenpak u bis-sahha ta' hekk Hal-Ghaxaq ser igawdi minn bring-in-sites godda li dawn ser jigu provduti u mbattlin minghajr ma l-Kunsill johrog ebda hlas. Darba ohra akkumpanjat lis-Sindku u l-Kunsillier Agius il-Kullegg ta' San Benedittu, Hal-Kirkop, fejn attendew ghal attivita tal-Local Democracy Week fejn gew mistoqsija diversi mistoqsijiet minn tfal u wara l-Kunsillier Agius baqghet l-ufficcju sa tard wara nofs in-nhar flimkien mas-Segretarju, darba ohra marret bl'applikazzjoni ta' li Skema ta' li Sports u darba ohra kellha it-training tas-Segretarji Ezekuttivi. Qalet ukoll li meta tmur il-bank tmur tard wara nofs-in-nhar u wara gieli tibqa sejra id-dar ghax hi mhux dejjem tmur il-bank Hal-Ghaxaq minhabba li hi ma ghandha l-ebda protezzjoni meta ggorr il-flus ghalhekk tibdel il-banek specjalment meta jkolla hafna flus, izda assigurat li l-erbghin siegha li support tghamel tghamilhom ghax ikun hemm granet li baqghet l-ufficcju tard, u meta ma tkunx l-ufficcju jew ghax tmur hdejn il-haddiema, jew jigi xi resident u tmur biex tara fuqhiex qed jghaddi xi ilment jew inkella xi laqgha ghax jekk ma tmurx hi jew is-Sindku hadd ma jmur mill-Kunsilliera u ma nkunux nafu xi jkun ghaddej. Qalet ukoll li meta tghamel sad-disgha u nofs jew l-ghaxra ta' filghaxija l-ufficcju ghal xi laqgha l-ghada tidhol tard ghax hi jkolla affarijiet personali x'tghamel ukoll. Qalet ukoll li tghamel hafna xoghol ta' l-ufficcju mid-dar ghax gieli anki baghatet emails lill-Kunsillieri meta ma jkunx hin ta' l-ufficcju. Ziedet tghid li meta hi tohrog, li skrivana kif ukoll is-Sindku jkunu jafu fejn marret u jekk jinqala xi haga dejjem jistghu jcemplulha fuq il-mobile personali taghha kif dejjem ghamlu.

2. Is-Sindku qal li jehtieg li l-isem Bir-id-Deheb isir fuq pole. Il-Kunsill qabel.

3. Is-Sindku qal li hemm il-htiega ta' bozza hdejn it-Turretta. Il-Kunsill qabel.


Kunsill Lokali – Ghaxaq – Local Council
15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

4. Is-Sinjura Agius staqsiet jekk ghandhiex issir tabella u il-hlasijiet isiru il-Gimgha kollha. Il-Kunsill ma qabilx ghax inkella ikun hemm hafna konfuzjoni bil-hlasijiet, izda staqsiet ukoll ghalhiex allura id-Dipartiment irid li s-Sibt il-Kunsill jilqgha l-hlasiiet ta' kollox.

5. Is-Sur Picco pprezenta is-Survey li se jintbaghat lir-residenta ta' Hal Ghaxaq dwar li skart u l-operat tal-Kunsill. Dan is-Survey gie moqri u rrangat. Il-Kunsill qabel lid an jigi mqassam mill-haddiema tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

6. Is-Sindku qal li jehtieg isir studju dwar il-water culvert fi Triq il-Gardell biex tinghata l-linja. Il-Kunsill qabel.

7. Is-Sur Attard qal li jehtieg isir water culvert wara il-grawnd il-kbir tax-Xaghra. It-thaffir isir minn resident li joqoghod hemmhekk u l-Kunsill ihallas ghal konkos li jkun mehtieg. I-Kunsill unanimament qabel.

8. Is-Sindku qal li jehtieg titpogga skip zejda hdejn ic-cimiterju fix-xaghar ta' Novembru. Il-kunsill qabel.

**Aggornament**

Is-Sindku fid-9.30p.m. aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tnejn 9 ta' Novembru 2009 fil-5.30p.m.

**Emanuel Vassallo**
Sindku

**Therese Xuereb**
Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati:- it-Tnejn 9 ta' Novembru 2009 fil-5.30pm